Nru. 17,953
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu, 2006
Friday, 11th August, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 707

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru fit-28 ta' Lulju 2006, approva l-ħatra ta' l-Avv. Dott. Francesco Depasquale, LL.D., bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn.

It-28 ta' Lulju, 2006
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

GOVERNMENT NOTICES

No. 707

COMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291) the Prime Minister, on the 28 July 2006, approved the appoitment of Adv. Dr. Francesco Depasquale, LL.D., as Commissioner for Justice, for a period of 2 years.

28th July, 2006

Nru. 708

ĦATRA TA' AĠENT
DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 708

APPOINTMENT OF ACTING
DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Vincent Callus	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	08 - 11.05.2006 03 - 06.07.2006

Il-11 ta' Awissu, 2006

11th August, 2006

Nru. 709

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Ħatra ta' Membru fil-Bord Konsultattiv dwar Akkreditament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 366 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' April, 2005, ngħarrfu illi s-Sur Nicholas Crockford inħatar mill-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu bħala membru fuq il-Bord Konsultattiv dwar Akkreditament mill-21 ta' Lulju, 2006, minflok is-Sur Noel Falzon.

Il-11 ta' Awissu, 2006

No. 709

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Appointment of Member in the Accreditation Advisory Board

WITH reference to Government Notice No. 366 published in the Government Gazette of the 12th April, 2005, it is notified that Mr Nicholas Crockford has been appointed by the Malta Tourism Authority as a member on the Accreditation Advisory Board as from the 21st July, 2006, instead of Mr Noel Falzon.

11th August, 2006

Nru. 710

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Marco Buttigieg, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill- 31 ta' Lulju, 2006 sal-31 ta' Awissu, 2006

Gladys Bugeja
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-8 ta' Awissu, 2006

No. 710

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Buttigieg, B.A., LL.D. to be Notary Delegate for Notary Dr Marco Burlò, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 31st July 2006 till the 31st August 2006.

Gladys Bugeja
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

8th August, 2006

Nru. 711

MINISTERU TAL-FINANZI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jgħarraf illi t-tip li ġej ta' *register* fiskali ġie speċifikament approvat skond kif jidher hawn taħt:-

Għamla *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
Sharp	ER - A457P	Alfa Co Ltd Alfa Office Centre Triq il-Kanun, Sta Venera

Il-11 ta' Awissu, 2006

No. 711

MINISTRY OF FINANCE

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act, 1998, the Commissioner of Value Added Tax hereby notifies that the following type of fiscal register has been approved as shown hereunder:-

11th August, 2006

Nru. 712

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 435)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:-

Il-Qortin Isopo, il-Qortin tal-Magun u l-Qortin il-Kbira (Nadur, Għawdex)

(ara mappa f'paġna 6840) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetajiet imsemmija kif ġej:

il-promontorju magħruf bħala l-Qortin tal-Magun u l-Qortin il-Kbira bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell wieħed (1) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

il-promontorju magħruf bħala il-Qortin Isopo, l-irdumijiet magħrufin bħala Irdum il-Kbir u Irdum San Filip, u l-kosta f'din iż-żona inklużi l-Bajja ta' San Blas u Daħlet Qorrot bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika u Siti ta' Importanza Xjentifika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa

u

l-art agrikola fil-Wied ta' San Blas, Wied ir-Raħħan u Wied Daħlet Qorrot bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa

skond it-termini tal-*Policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u tikkwalifika għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-2 ta' Awissu, 2006

No. 712

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 435)

Scheduling of Property

The Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely:-

Il-Qortin Isopo, il-Qortin tal-Magun u l-Qortin il-Kbira (Nadur, Gozo)

(see map on page 6840) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act.

The Authority designates the above property as follows:

il-Qortin tal-Magun and il-Qortin il-Kbira promontory as a Level one (1) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as indicated on the map attached;

il-Qortin Isopo promontory, the boulder screes at Irdum il-Kbir and Irdum San Filip, and the coastal fringe in the area including il-Bajja ta' San Blas and Daħlet Qorrot as a Level two (2) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as indicated on the map attached,

and

the agricultural land within the valley systems of Wied ta' San Blas, Wied ir-Raħħan and Wied Daħlet Qorrot as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached.

in terms of Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

2nd August, 2006

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E36830, N89404
Max E38681, N91069
Title :-
Qortin ta' Isopo, Il-Qortin
tal-Magun u l-Qortin il-Kbira
Scheduling
Ref No. :- GF 0010/06
Level 1 AEI, SSI
Level 2 AEI, SSI
Level 3 AEI
Form No. :- MU004
N
0
200
400
600
800m

Nru. 713

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
121	Seven Villas Estate 5, Triq il-Qasam, Swieqi	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	07/08/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-11 ta' Awissu, 2006

No. 713

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

11th August, 2006

Nru. 714

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 714

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
04. 08. 06	Lm7.03c4	14c2
07. 08. 06	Lm6.99c6	14c4
08. 08. 06	Lm7.04c9	14c3
09. 08. 06	Lm7.01c1	14c3
10. 08. 06	Lm7.05c4	14c6

Il-11 ta' Awissu, 2006

11th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 80

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq murija hawn taħt għandhom jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikati hawn taħt.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ġimgħa l-25 ta' Awissu 2006 u nhar is-Sibt is-26 ta' Awissu 2006, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja

Nhar il-Ħadd is-27 ta' Awissu 2006, mit-toroq li ġejjin: San Bartilmew, Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa u San Ġwann

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Minn nhar is-Sibt id-19 ta' Awissu sa nhar il-Ħadd is-27 ta' Awissu 2006, iċ-ċentru ta' Ħal Safi se jkun magħluq għat-traffiku u t-trasport pubbliku se jiddawwar u t-traffiku għall-Belt Valletta se jgħaddi mit-toroq li ġejjin:- iż-Żurrieq, l-Iskola, it-Tellerit u l-Kuċċard imbagħad għaż-Żurrieq minn ħdejn iċ- ċimiterju sal-Kuċċard, is-Summien, l-Iskola u minn Triq iż-Żurrieq.

Nhar it-Tnejn il-21 ta' Awissu 2006 mis-6.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin:– il-Pjazza tal-Knisja, San Pawl , il-Qasam tad-Djar, Ta' Rqajja', San Ġwann u San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa t-23 ta' Awissu 2006 mis-7.15 p.m. sal-11.15 p.m. mit-toroq li ġejjin:– San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerit, l-Iskola, il-Menqa, il-Kenn, il-Ġawhar, Santa Marija, San Tumas u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ħamis l-24 ta' Awissu 2006 mis-7.15 p.m. sal-11.00 p.m. mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa l-25 ta' Awissu 2006 mis-7.30 p.m. sa 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin:– Ta' Ġawhar, il-Kenn, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, il-Menqa, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt is-26 ta' Awissu 2006 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin:– San Pawl, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq u l-Pjazza tal-Knisja.

POLICE NOTICE

No. 80

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap.65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Għargħur

On Friday 25th August, 2006 and Saturday 26th August, 2006 from 5.00 p.m. till midnight, through Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja

On Sunday 27th August, 2006, through the following streets: San Bartilmew, Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa and San Ġwann

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Safi

From Saturday 19th August till Sunday 27th August 2006, the centre of Safi will be closed for traffic and public transport will be deviated and traffic to Valletta will pass through the following streets:- iż-Żurrieq, l-Iskola, it-Tellerit and il-Kuċċard then to Żurrieq from near cemetery to il-Kuċċard, is-Summien, l-Iskola and from Triq iż-Żurrieq.

On Monday 21st August 2006 from 6.30 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets:– Church Square, San Pawl, Housing Estate, Ta' Rqajja', San Ġwann and San Ġorġ.

On Wednesday 23rd August 2006 from 7.15 p.m. to 11.15 p.m. through the following streets:– San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerit, l-Iskola, il-Menqa, il-Kenn, il-Ġawhar, Santa Marija, San Tumas and Church Square.

On Thursday 24th August 2006 from 7.15 p.m. to 11.00 p.m. through Church Square.

On Friday 25th August 2006 from 7.30 p.m. to 11.45 p.m. through the following streets:– Ta' Ġawhar, il-Kenn, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, il-Menqa, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl and Church Square.

On Saturday 26th August 2006 from 7.30 p.m. to midnight through the following streets:– San Pawl, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq and Church Square.

Nhar il-Ħadd is-27 ta' Awissu 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin:– San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, il-Ħlantun , San Tumas, il-Ġawhar, il-Kaċċaturi, in-Newba, il-Biedja, Ġwann Zammit, il-Ħajt Ruman, id-Dolmen, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, San Ġużepp, Santa Marija, il-Pjazza tal-Knisja u l-Menqa.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Awissu, 2006

On Sunday 27th August 2006 from 9.00 a.m. to midnight through the following streets:– San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, il-Ħlantun , San Tumas, il-Ġawhar, il-Kaċċaturi, in-Newba, il-Biedja, Ġwann Zammit, il-Ħajt Ruman, id-Dolmen, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, San Ġużepp, Santa Marija, Church square and il-Menqa.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

11th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 81

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Awissu 2006, mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Sant'Elena, Mike Pulis, Kostantinu, J. Borg u l-Isqof Labini.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Awissu 2006, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Fleur-de-Lys (ħdejn ir-Roxy Hall), il-Wied, il-Kbira u Pjazza Sant'Elena.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Awissu 2006, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Sant'Elena, Santu Rokku, l-Imsida, il-Kbira, Brared, Anġlu Mallia, in-Naxxar sa ħdejn HSBC.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Vittorja, Ħas-Sajjied, Bwieraq, John Borg, Brared, il-Kbira u Pjazza Sant'Elena.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-dati msemmija huma pprojbiti u għalhekk jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Awissu, 2006

POLICE NOTICE

No. 81

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Saturday, 19th August 2006, from 8.00 a.m. to 2.00 p.m. through the following streets: Pjazza Sant'Elena, Mike Pulis, Kostantinu, J. Borg and l-Isqof Labini.

On Saturday, 19th August 2006, from 5.00 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: Fleur-de-Lys (near Roxy Hall), il-Wied, il-Kbira and Pjazza Sant'Elena.

On Sunday, 20th August 2006, from 6.00 a.m. to 3.00 p.m. through the following streets: Pjazza Sant'Elena, Santu Rokku, l-Imsida, il-Kbira, Brared, Anġlu Mallia and in-Naxxar near HSBC.

On Sunday, 20th August 2006, from 6.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: il-Vittorja, Ħas-Sajjied, Bwieraq, John Borg, Brared, il-Kbira and Pjazza Sant'Elena.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

11th August, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 34 ta' l-2006

Logħob tan-Nar minn fuq Barkun irmiġġat f'Daħlet Tas-Sliema, il-Port ta' Marsamxett

Għall-festa tal-Madonna ta' Stella Maris, Tas-Sliema, se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun irmiġġat f'Daħlet Tas-Sliema 'l hinn minn Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett. Il-barkun se jkun irmiġġat nhar is-Sibt, it-12 ta' Awissu, 2006, fil-pożizzjoni murija fuq iċ-*chart* imsemmija aktar 'l isfel.

Id-dati u l-ħinijiet tal-logħob tan-nar se jkunu kif ġej:

Nhar il-Ħadd 13 ta' Awissu 2006 – għal bejn il-11.00 a.m. u l-12.15 p.m.

Nhar l-Erbgħa 16 ta' Awissu 2006 – għal bejn it- 8.00 a.m. u t-8.10 a.m. u minn nofsinhar sa 12.10 p.m. u mid- 9.30 p.m. sa l-10.00 p.m.

Nhar il-Ħamis 17 ta' Awissu 2006 – għal bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m. u minn nofsinhar sa 12.10 p.m. u mid- 9.30 p.m. sa l-10.00 p.m.

Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Awissu 2006 – għal bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m. u minn nofsinhar sa 12.10 p.m. u mid- 9.30 p.m. sa l-10.00 p.m.

Nhar is-Sibt 19 ta' Awissu 2006 – għal bejn id-9.00 a.m. u d-9.30 a.m. u minn nofsinhar san-12.30 p.m., mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m. u mid-9.30 p.m. sal-11.30 p.m.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Awissu 2006 – għal bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., minn nofsinhar san-12.30 p.m. u mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma mitluba biex iżommu 200 metru 'l bogħod jew aktar mill-barkun fid-dati u l-ħinijiet tal-logħob imsemmi hawn fuq.

Wieħed jista' jara parti minn *BA Chart 177* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-11 ta' Awissu, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 34 of 2006

Fireworks Displays from a Barge moored in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

Fireworks displays in connection with the feast of Our Lady of Stella Maris, Sliema, will be let off from a barge moored in Sliema Creek off Manoel Island in Marsamxett Harbour. The barge will be moored in the position indicated on the chart mentioned hereunder on Saturday, 12th August, 2006.

The dates and times of the displays are as follows:

Sunday, 13th August 2006 – approximately between 11.00 a.m. and 12.15 p.m.

Wednesday, 16th August 2006 – approximately between 8.00 a.m. and 8.10 a.m. and from noon to 12.10 p.m. and from 9.30 p.m. to 10.00 p.m.

Thursday 17th August 2006 – approximately between 8.00 a.m. and 8.10 a.m. and from noon to 12.10 p.m. and from 9.30 p.m. to 10.00 p.m.

Friday 18th August 2006 – approximately between 8.00 a.m. and 8.10 a.m. and from noon to 12.10 p.m. and from 9.30 p.m. to 10.00 p.m.

Saturday 19th August 2006 – approximately between 9.00 a.m. and 9.30 a.m. and from noon to 12.30 p.m., from 6.00 p.m. to 7.00 p.m. and from 9.30 p.m. to 11.30 p.m.

Sunday 20th August 2006 – approximately between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., from noon to 12.30 p.m. and from 7.30 p.m. to 11.30 p.m.

In view of the above, mariners are requested to give the barge a wide berth of 200 metres on the dates and times of the displays mentioned above.

Part of BA Chart 177 may be viewed on the Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

11th August, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 35 ta' l-2006

Maratona ta' Ħamsin Siegħa – Port ta' Marsamxett

Il-Vikings Sailing Club se jorganizza maratona ta' ħamsin siegħa ta' tbaħħir bil-qlugh għal skopijiet ta' karità fil-Port ta' Marsamxett.

Jekk it-temp jippermetti, il-maratona se ssir ġewwa l-Port ta' Marsamxett. Il-maratona għandha titlaq mill-Vikings Sailing Club f'Xatt it-Tiben, il-Furjana fil-5.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa t-18 ta' Awissu 2006 u tintemm fis-7.00 p.m. nhar il-Ħadd l-20 ta' Awissu 2006.

Il-baħħara għandhom joqoghdu attenti għal dan l-avveniment, ibaħħru b'attenzjoni u jżommu 'l bogħod fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Chart effettwata: BA 177

Il-11 ta' Awissu, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 35 of 2006

Fifty-hour Sailing Marathon – Marsamxett Harbour

The Vikings Sailing Club will be organising a fifty-hour sailing marathon for charity in Marsamxett Harbour

Weather permitting, the marathon will take place inside Marsamxett Harbour. The marathon is due to commence from the Vikings Sailing Club at Hay Wharf, Floriana at 5.00 p.m. on Friday 18th August 2006 and ends at 7.00 p.m. on Sunday 20th August 2006.

Mariners are to note the above, navigate with caution and give the sailing boats a wide berth on the dates and times mentioned above.

Chart affected: BA 177

11th August, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li peress li nhar it-Tlieta, il-15 ta' Awissu, 2006 hija festa pubblika, il-Pitkalija se tiftaħ nhar it-Tnejn, l-14 ta' Awissu, 2006 kif ġej:-

Bdiewa	1.00 a.m. – 5.00 p.m.
Xerrejja	5.00 a.m. 'il quddiem
Pubbliku	8.00 a.m. 'il quddiem

Il-11 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Opening Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that as Tuesday, 15th August 2006, is a public holiday the Pitkali Market will be open on Monday, 14th August, 2006 as shown hereunder:-

Farmers	1.00 a.m. – 5.00 p.m.
Buyers	from 5.00 a.m. onwards
The public	from 8.00 a.m. onwards

11th August, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Nhar il-31 ta' Lulju 2006 il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent nieda kompetizzjoni internazzjonali għal *master plan* fit-tul biex jiġi rijabilitat il-Maghtab Waste Management Complex (limiti tan-Naxxar), isir it-tisbiħ tiegħu u jiġi deċiż l-aħjar użu li jista' jkollu.

Parteċipanti li jkunu kkwalifikati jistgħu jissottomettu disinji għal dan il-proġett. L-aħjar sottomissjoni tintgħażel minn ġurija ta' esperti magħmula minn Maltin u barranin b'fama internazzjonali u b'kompetenza fil-qasam tal-proġett.

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The Ministry for Rural Affairs and the Environment is pleased to announce an international landscape design competition for the long term rehabilitation masterplan of the waste management complex at Maghtab (limits of Naxxar).

Suitably qualified participants will be able to submit designs, with the winning design concept being selected by a panel of judges composed of a number of local and international experts competent in various fields relevant to the project.

Ir-reġistrazzjoni bdiet fl-1 ta' Awissu 2006 u tagħlaq fid-29 ta' Awissu 2006. Id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjonijiet tal-kompetizzjoni hija s-27 ta' Ottubru 2006.

Iktar dettalji li jinkludu l-formola tar-reġistrazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni qegħdin fuq il-*website* http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. Il-formola tar-reġistrazzjoni tista' tintalab ukoll bil-*fax* fuq +356 2295 2231.

Il-11 ta' Awissu, 2006

The competition was launched on 31st July 2006, with registration beginning on 1st August 2006 and closing on 29th August 2006. The closing date for the reception competition submissions is 27th October 2006.

Further details, including Registration Form, competition conditions and design brief can be found at the following website http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. The Registration Form can also be requested by fax on +356 2295 2231.

11th August, 2006

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-ISTANDARDS

Reklutaġġ għal Żewġ Postijiet

L-Awtorità Maltija dwar l-Istandards tinħtieġ li tingaġġa persuni motivati f'żewġ postijiet imsemmija hawn taħt.

L-ingaġġ ta' Xjenzati huwa fuq kuntratt definit għal perjodu ta' sena. *Undergraduates* universitarji ta' l-aħħar sena jiġu kkunsidrati wkoll.

(a) *Xjenzjati* (Permess ta' l-ETC Nru 104/2006)

Xjenzjat: B.Sc. fil-Fiżika u/jew fil-Kimika u/jew Bijoloġija.

Id-dmirijiet tal-kandidat prospettiv ikunu li jgħin lill-Awtorità billi jipprovdi parir u *expertise* primarjament fil-qasam ta' strumenti mediċi jew oqsma relatati.

(b) Xjenzat: B.Sc fil-Kimika jew Farmaċija u Tossikoloġija jew oqsma relatati.

Id-dmirijiet tal-kandidat prospettiv ikunu li jgħin lill-Awtorità fil-qasam tas-sigurtà fil-kimika u oqsma relatati.

Iż-żewġ kandidati ikunu jieħdu sehem f'laqgħat ta' l-Unjoni Ewropea u oħrajn internazzjonali.

L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat, imsaħħa b'kopji ta' ċertifikati u/jew dokumenti, għandhom jaslu sa nofsinhar tal-Ħamis, l-24 ta' Awissu 2006, f'dan l-indirizz:–

Iċ-*Chairman*
Awtorità Maltija dwar l-Istandards
It-Tieni Sular, Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Valletta, VLT 03

Il-11 ta' Awissu, 2006

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Recruitment for Two Posts

The Malta Standards Authority is seeking to recruit motivated persons for the two posts mentioned hereunder.

The engagement of the Scientists is on a definite contract for one-year period. Final year University under graduates will also be considered.

(a) *Scientists* (ETC Permit No. 104/2006)

Scientist: B. Sc in Physics and/or Chemistry and/or Biology

The duties of the prospective candidate will be to support the Authority in providing advice and expertise primarily in the field of medical devices or related areas.

(b) *Scientist: B.Sc in Chemistry or Pharmacy & Toxicology or related areas*

The duties of the prospective candidate will be to support the Authority in the field of chemical safety and related areas.

Both candidates are to participate in European Union and International fora.

Applications together with detailed curriculum vitae, supported by copies of certificates and/or testimonials are to be received by noon of Thursday, 24th August 2006, at the following address:-

The Chairman
Malta Standards Authority
Second Floor, Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Valletta, VLT 03

11th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *ICT Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ *Lecturing staff, full-time* fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni.

Kandidati għandu jkollhom kapaċitajiet tajbin fil-komunikazzjoni u jkunu kwalifikati f'wieħed jew iżjed mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB. Net C, Net, Java, ASP.Net)

Tingħata preferenza lill-kandidati bi kwalifika ta' *software-oriented industry*.

Ommijiet bi tfal żgħar li jixtiequ jkollhom post fil-*lecturing* jista' jkollhom kuntratt b'ħinijiet imnaqqsa.

Dan jitlob għal *lecturing personnel* motivat ħafna li qed jaħdmu biex jkollhom karriera tajba f'organizzazzjoni li qed tikber malajr u tħares dejjem 'il quddiem. Il-kandidat magħżul għandu jkun kompetenti biex jgħaddi l-istudenti it-tgħarif u ħiliet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija ta' l-informatika tal-lum.

Il-Kulleġġ qed joffri il-kundizzjonijiet ta' xogħol li ġejjin:
Salarju tajjeb
Total ta' ħamsin ġurnata *leave* fis-sena
L-opportunità biex iżżomm aġġornat ma' l-aħħar teknoloġija
Kors ta' Taħriġ għal Għalliem Vokazzjonali biex jipprovdi l-kapaċitajiet pedagoġiċi meħtieġa.

L-istitut ta' l-ICT joffri lill-istudenti *hands-on approach with a 1:1 student to computer ratio*.

Aktar tagħrif u formoli ta' l-applikazzjonijiet jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Campus Prinċipali ta' l-MCAST. Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni mimlija, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

(Permess ta' l-ETC Nru. 126/2006)

Il-11 ta' Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - ICT Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit, in the Institute of Information and Communication Technology, full-time Lecturing staff.

Candidates must have good communication skills and be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB. Net C, Net, Java, ASP.Net)

Preference will be given to candidates with a software-oriented industry qualification.

Mothers with young children who wish to take up a lecturing post may avail themselves of a reduced hours contract.

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization. The selected candidates will be competent in imparting to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy.

The College is offering the following working conditions:
An attractive salary
A total of fifty days leave per annum
The chance to keep yourself updated with the latest technologies
Vocational Teacher Training Course to provide the required pedagogical skills

The ICT Institute offers students a hands-on approach with a 1:1 student to computer ratio.

Further details and application forms are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus. Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, accompanied by their employment history sheet obtainable from ETC, by not later than Monday, 21st August 2006 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08. Late applications will not be considered.

(ETC Permit No. 126/2006)

11th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ *Lecturing staff, full-time* fl-oqsma li jidhru hawn taħt:

***Agribusiness* (Permess ta' l-ETC 117/2005)**

Applikanti għandu jkollhom *first degree* relevanti minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta, jew kwalifiki vokazzjonali relevanti (t-tielet livell jew ogħla) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u meħtieġa.

Kandidati magħżula jkunu mistennija jgħallmu livelli differenti li jibdew minn Livell 1, *Foundation* sa Livell 4, Diploma Nazzjonali Ogħla kif meħtieġ. Huma jagħmlu numru ta' *unit courses* jew waħedhom jew b'koperazzjoni ma' membri oħra ta' l-i*staff*, minbarra li jmexxu programm ta' riċerka f'waqtu għall-għanijiet ta' l-*Agribusiness Institute*.

Il-pożizzjonijiet jinkludu t-tagħlim ta' l-aspetti teoritiċi u prattiċi li għandhom x'jaqsmu max-xjenza ta' l-agrikultura, ortikultura, bhejjem, *management* u saħħa ta' annimali, produzzjoni u *management* ta' pjanti, makkinarju agrikolu u suġġetti oħra assoċjati.

***Graphic Design* (Permess ta' l-ETC 133/2005) u *3D Design (Ceramics)* (Permess ta' l-ETC 133/2005)**

Applikanti għandu jkollhom *first degree* relevanti minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta, jew kwalifiki vokazzjonali relevanti (t-tielet livell jew ogħla) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u meħtieġa. Għandom jiġu sottomessi formoli ta' l-applikazzjoni separati għall-postijiet ta' *Lecturing Staff - Graphic Design* u *Lecturing Staff - 3D Design (Ceramics)*. Kandidati jkunu meħtieġa jippreżentaw portfolio jew *artwork* matul l-intervista.

Tagħrif tajjeb tal-Lingwa Ingliża, mitkellma u miktuba, huwa essenzjali għall-postijiet kollha.

Applikanti għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Campus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni wieħed għandu jirreferi għall-indirizz ta' hawn fuq.

Il-11 ta' Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff for each of the areas indicated below:

Agribusiness (ETC Permit 117/2005)

Applicants should have a relevant first degree from a recognized higher education institution, or relevant vocational qualifications (level three or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Successful applicants will be expected to teach at different levels starting from Level 1, Foundation up to Level 4, Higher National Diploma as required. They will deliver a number of unit courses either in full or in cooperation with other staff members, in addition to leading a research programme appropriate to the objectives of the Agribusiness Institute.

The positions include teaching of the theoretical and practical aspects related to agricultural science, horticulture, livestock, animal management and health, plant production and management, agriculture mechinery and other associated subjects.

Graphic Design (ETC Permit 133/2005) and 3D Design (Ceramics) (ETC Permit 133/2005)

Applicants should have a relevant first degree from a recognized higher education institution, or a relevant vocational qualification (level three or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience. Separate application forms are to be submitted for the posts of Lecturing Staff - Graphic Design and Lecturing Staff - 3D Design (Ceramics). Candidates will be required to produce a portfolio or artwork during the interview.

A command of the English Language, spoken and written, is essential for all posts.

Applicants should submit the MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Monday, 21st August 2006, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address above.

11th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – Lecturing staff

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ *lecturing staff, full-time* għal kull wieħed mill-oqsma li jidhru hawn taħt:

Ħiliet Bażiċi (Permess ta' l-ETC 128/2006)

Applikanti għandu jkollhom *first degree* (B.Ed. Hons. jew B.A.) f'qasam relevanti għat-tagħlim fil-Kapaċitajiet Bażiċi: jitgħallmu jiktbu u jaqraw (bl-Ingliż u bil-Malti), l-Aritmetika u IT bażiku. Għal dan il-post tingħata preferenza lill-applikanti li għandhom lawrija B.Ed. (Hons.) u li speċjalizzaw fit-tagħlim ta' l-Aritmetika/Matematika. Jiġi kkunsidrat ta' vantaġġ min ikollu esperjenza f'xogħol ma' adulti żgħażagħ, fit-tmexxija u evalwazzjoni ta' studenti, u fil-preparazzjoni ta' materjal gradat għat-tagħlim.

Kandidati magħżula jkunu mistennija jgħallmu skond programmi bażiċi biex ikunu jafu jiktbu u jaqraw u Aritmetika, Komunikazzjoni u IT bażiku għal studenti li ma jkollhomx il-livelli meħtieġa ta' kapaċità f'dan it-tagħlim.

Komunikazzjoni fuq il-Baħar u Koordinazzjoni Marittima ta' *Search and Rescue* (Permess ta' l-ETC 130/2006)

Il-kandidati għandu jkollhom jew Ċertifikat validu ta' *Officer in Charge of Navigational Watch Certificate of Competence,* rikonoxxut mill-Awtorità Marittima ta' Malta u *GMDSS General Operators Certificate,* u tliet snin servizz fuq il-baħar f'dik il-kariga, jew ikollhom ħames snin esperjenza fil-pożizzjonijiet fil-qasam ta' komunikazzjoni bir-radju fuq il-baħar u *GMDSS General Operators Certificate*.

L-applikanti għandhom ikunu ġew iggwidati b'mod xieraq ta' kif jgħallmu billi jużaw *simulators* u jkunu ħadu esperjenza prattika fil-ħidma fuq it-tip prattiku ta' *simulator* li qed jintuża fuq *STCW courses,* u huwa meħtieġ li kienu impjegati fil-qasam ta' *Maritime Search and Rescue (Operational)* għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin.

Matematika (Sostitut Każwali) (Permess ta' l-ETC 132/2006)

Il-kandidati għandu jkollhom B.Ed. (Hons.) degreebi speċjalizzazzjoni fil-Matematika, jew *degree* fil-Matematika u, preferibbilment, PGCE.

Applikanti għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST flimkien ma' l-*employment history sheet* ta' l-ETC li tinkiseb mill-ETC fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-indirizz imsemmi hawn taħt, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies – Lecturing staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff for each of the areas indicated below:

Basic Skills (ETC Permit 128/2006)

Applicants should have a first degree (B.Ed. Hons. or B.A.) in a relevant area related to the teaching of Basic Skills: Literacy (Maltese and English), Numeracy and basic IT. For this post preference will be given to applicants who are in possession of a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in teaching Numeracy/Mathematics. Experience of working with young adults, in the screening and evaluation of students, and in the preparation of graded learning materials will be considered an asset.

The selected candidate will be required to teach on programmes in basic Literacy and Numeracy, Communication and basic IT for students who do not have the required levels of ability in these basic skills.

Marine Communications and Maritime Search and Rescue Coordination (ETC Permit 130/2006)

Candidates should either hold a valid Officer in Charge of a Navigational Watch Certificate of Competence, recognized by the Malta Maritime Authority and a GMDSS General Operators Certificate, and three years sea-going service in that capacity, or have five years experience in positions in the field of maritime radio communications and a GMDSS General Operators Certificate.

Applicants should also have received appropriate guidance in instructional techniques involving the use of simulators and gained practical operational experience on the practical type of simulator being used on STCW courses, and they must have been employed in the field of Maritime Search and Rescue (Operational) for a period of not less than three years.

Mathematics (Casual Substitute) (ETC Permit 132/2006)

Candidates should have a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in Mathematics, or a degree in Mathematics and, preferably, a PGCE.

Applicants are invited to submit the MCAST Application Form, together with their ETC employment history sheet available from the ETC to the Human Resources Office at the address below, by not later than Monday, 28 August 2006, at noon. Applications forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be

Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA08, Tel: 23987100, Fax: 23987316 – www.mcast.edu.mt

Il-11 ta' Awissu, 2006

considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA08, Tel: 23987100, Fax: 23987316 – www.mcast.edu.mt

11th August, 2006

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Recruitment Circular: DIR/GIDD/07.2006
Nominations for the Post of Director, Governance and Institutional Development Division

The Commonwealth Secretariat invites nominations from member states for the post of Director, Governance and Institutional Development Division.

Details of the post, including a job description and summary of the terms and conditions of service are available from the Commonwealth Secretariat's website: www.thecommonwealth.org.

Candidates should provide a curriculum vitae accompanied by a covering letter setting out their experience and skills in relation to the competences and other requirements for the position.

Applications which should be addressed to the Human Resources Officer, Human Resources Section, Commonwealth Secretariat, should reach the Commonwealth Secretariat, through the Ministry of Foreign Affairs, by not later than 1st September, 2006.

More information may be obtained from the Ministry of Foreign Affairs on 2596 8411.

11th August, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 268/2006. Kiri ta' karozzi *self-drive* għall-ġudikatura – Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja. Għandu jithallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Ġunju, 2006.

CT 293/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' żraben - Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 294/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *chipboard* u *meranti blockboard* - Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th August, 2006, for:

CT 268/2006. Hire of self-drive cars for the judiciary – Courts f Justice Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th June, 2006.

CT 293/2006. Period contract for the supply of walking shoes - Contracts Department.

CT 294/2006. Period contract for the supply of chipboard and meranti blockboard - Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 270/2006. Kampanja ta' għarfien fuq il-benefiċċji ta' *Quality Childcare* f'Malta – Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fondi Strutturali Ewropej 2004 – 2006. *(Budget* allokat: Lm81,251 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Ġunju 2006.

CT 276/2006. Bini ta' Triq San Lawrenz, il-Birgu - Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 298/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *bottled oxygen and acetylene* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 299/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *wire mesh* ta' l-azzar għar-rinforzar tal-konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 272/2006. Bini ta' Dawret l-Imtarfa, *(North Bound)* - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 280/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *portable wheel washing unit* fl-entratura tal-Kumpless għall-Immaniġġjar ta' l-Iskart fil-Maghtab - WasteServ Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 281/2006. Provvista ta' *bullet proof over vests* - Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 282/2006. Provvista b'kiri ta' *blood count reagents with analysers* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 283/2006. Kiri ta' karozzi *chauffer-driven* għall-funzjonijiet uffiċjali (2006-2007) - Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 273/2006. Provvista ta' *human biosynthetic biphasic insulin cartridges* - Diviżjoni tas-Saħħa. Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Lulju 2006.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd August, 2006, for:

CT 270/2006. Awarness Campaign on the benefits of Quality Childcare in Malta – Ministry for Education, Youth and Employment. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds 2004 – 2006. (Allocated budget: Lm81,251 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on the 23rd June 2006.

CT 276/2006. Construction of Triq San Lawrenz, Vittoriosa - Malta Transport Authority. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 298/2006. Period contract for the supply of bottled oxygen and acetylene to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 299/2006. Period contract for the supply of steel wire mesh for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th August, 2006, for:

